# L-Indikaturi Industrijali Bikrin: It-Tielet Kwart tal-2023

NR 213/2023 Release Date: 27 ta' Novembru 2023 Data tal-Għeluq: 10 ta' Novembru 2023

*Matul it-tielet kwart tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied bi 3.4 fil-mija fuq it-tliet xhur ta' qabel. Meta mqabbel mal-istess żmien tal-2022, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied b'7.5 fil-mija.*



**Tqabbil mat-tliet xhur ta' qabel**

Fit-tielet kwart tal-2023, il-fatturat industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied bi 3.4 fil-mija fuq it-tliet xhur ta' qabel. Iż-żidiet kienu rreġistrati fil-gruppi industrijali ewlenin kollha. L-ogħla żieda kienet irreġistrata fl-Oġġetti kapitali (14.7 fil-mija). Warajha, kien hemm iż-żidiet fl-Oġġetti intermedji (5.4 fil-mija), fl-enerġija (1.3 fil-mija) u fl-Oġġetti tal-konsum (0.8 fil-mija) (Tabella nru 1).

Fl-oqsma industrijali, l-għadd ta' impjiegi aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied b'0.5 fil-mija (Tabella nru 3). Matul dan il-perjodu, is-sigħat maħduma naqsu b'0.5 fil-mija (Tabella nru 5), filwaqt li l-pagi u s-salarji gross naqsu b'1.3 fil-mija (Tabella nru 7).

**Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Meta mqabbel mal-istess tliet xhur tal-2022, il-fatturat industrijali aġġustat bil-jiem tax-xogħol żdied b'7.5 fil-mija. Iż-żidiet kienu rreġistrati fl-Oġġetti tal-konsum (12.1 fil-mija), fl-Oġġetti kapitali (10.2 fil-mija) u fl-Oġġetti intermedji (6.9 fil-mija). Sadattant, kien irreġistrat tnaqqis ta' 3.4 fil-mija fl-enerġija (Tabella nru 2).

Sena għal sena, kienet irreġistrata żieda ta' 2.4 fil-mija fl-għadd ta' impjiegi industrijali li ma kienx aġġustat għall-effetti tal-istaġun (Tabella nru 4). In-numru ta' sigħat maħduma fl-industrija u l-pagi u s-salarji gross, aġġustati bil-jiem tax-xogħol, żdiedu b'0.6 fil-mija (Tabella nru 6) u bi 8.9 fil-mija (Tabella nru 8), rispettivament.

## Ċart nru 1. It-tibdil fil-fatturat industrijali annwali aġġustat bil-jiem tax-xogħol

(differenza fil-persentaġġ meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel)

